MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 768/2016 LM

**John Mifsud (K.I. numru 78854M)**
**u martu Rose Mary Mifsud (K.I. numru 28855M)**

***vs.***

**Pierre Debono u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2016 ġew maħtura l-Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera Chimera Group Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Settembru, 2016 mill-atturi **John Mifsud** (K.I. numru 78854M) u martu **Rose Mary Mifsud** (K.I. numru 28855M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn John Mifsud stess, li jgħid kif ġej:

DIKJARAZZJONI U RAĠUNIJIET TAT-TALBA

1. *Illi l-attur John Mifsud kien iltaqa' mal-konvenut Pierre Debono għall-ħabta ta' Awwissu, 2014 meta huwa kien mar iżur lil missier l-imsemmi konvenut ġewwa San Ġwann;*

2. *Il-konvenut Pierre Debono kien informa lill-attur John Mifsud li huwa kien daħal f'business ma' Michael Bridge f'kumpannija finanzjarja u li kien ilu f'dan in-negozju għal tliet snin. Kien il-konvenut Pierre Debono li ħajjar lill-attur John Mifsud sabiex jinvesti flusu u dan bil-wegħda li huwa kien sejjer jirċievi interessi ta' ħmistax fil-mija (15%) fix-xahar;*

3. *Il-konvenut Pierre Debono kien qallu wkoll li ma kien hemm l-ebda riskju jew problema għar-rigward ta' dan l-investiment u li jekk l-attur ried jagħmel xi ħsieb biex jinvesti magħhom huwa personalment kien ser jieħu ħsieb il-pagamenti dovuti lilu. Dan il-konvenut kien qallu li l-uniku drawback li kien hemm kien li l-inqas ammont li seta' jiġi investit kien ta' mitejn elf Euro (€200,000). Peress li dan id-diskors minn Pierre Debono kien qiegħed jingħad fil-preżenza ta' missieru, li huwa ħabib tal-attur John Mifsud, huwa fdah u ma kellux għalfejn jiddubita mill-ġenwinità tal-konvenut Pierre Debono. Il-konvenut Pierre Debono kien qallu wkoll li kien hemm xi familjari minn tiegħu li kellu fabbrika u li kien investa magħhom u li dan tant kien qiegħed jirċievi pagamenti li ddeċieda li jbiegħ in-negozju tiegħu sabiex ma jkomplix ibati;*

4. *Wara li l-attur ħasibha, huwa informa lill-konvenut Pierre Debono li kien lest li jinvesti l-ammont ta' mitejn elf Euro (€200,000). Fit-13 ta' Awwissu, 2014, il-konvenut bagħatlu draft agreement li l-attur kellu jaqra u jibgħatlu l-kummenti tiegħu fir-rigward jekk huwa ried jipproċedi bl-investiment (Dok. 2 mal-affidavit). Wara li qrah, l-attur ikkonferma lill-konvenut li huwa ried jipproċedi bl-investiment li kien qallu dwaru l-istess konvenut Pierre Debono;*

5. *Il-partijiet iltaqgħu fir-residenza ta' missier il-konvenut Pierre Debono sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim. Hekk fil-fatt ġara u l-attur iffirma fuq kull faċċata fejn il-paper stamp u l-konvenut Pierre Debono ħa ritratt ta' kull paġna bil-mobile tiegħu. Dan il-paper stamp kien għamlu l-istess Pierre Debono fil-preżenza tal-attur. L-oriġinal ta' dan id-dokument għadu jinsab fil-pussess tal-attur u fuqu hemm biss il-firma tiegħu. Il-konvenut Pierre Debono kien qal lill-attur li huwa kien ser jibgħat ir-ritratti li kien ħa ta' kull faċċata lil persuna bl-isem ta' Michael Bridge biex dan jiffirmahom min-naħa tiegħu;*

6. *Fil-15 ta' Awwissu, 2014 l-attur kien irċieva mingħand Pierre Debono, l-email annessa u mmarkata bħala Dok. 3 mal-affidavit hawn esebit fejn il-konvenut*

*Pierre Debono kien infurmah li kien qiegħed jiġi anness, mal-imsemmija email, il-kuntratt iffirmat minn Chimera;*

7. *Fis-16 ta' Awwissu, 2014 l-attur kien mar il-Bank of Valletta u għamel application for payment order outwards, sabiex jinbeda l-proċess tal-ewwel pagament ta' €53,150 (Dok. 7 anness mal-affidavit) fil-kont indikat fil-ftehim li kien ingħata lilu mill-konvenut Pierre Debono (Dok. 3 anness mal-affidavit). Peress li l-pagament kien sejjer lejn l-Amerka u anke minħabba, skont ma kienu qalulu l-Bank, il-Foreign Account Tax Compliance Act, huwa kien ġie mitlub jirrispondi għal questionnaire mill-Bank u hekk għamel. Sussegwentement, dak il-weekend stess huwa kien reġa' ltaqa' mal-konvenut Pierre Debono fil-garaxx ta' missieru ġewwa San Ġwann u dan infurmah li kien mar il-Bank of Valletta sabiex jagħmel it-trasferiment fil-kont indikat fil-ftehim hawn imsemmi. Wara li l-attur kien informa lill-konvenut b'dak li kienu talbuh jagħmel il-Bank of Valletta, l-istess konvenut Pierre Debono dak il-ħin stess kien ċempel lill-persuna li qal li jisimha Michael Bridge u waqt li kien qiegħed ikellmu, il-konvenut Pierre Debono kiteb fuq karta d-dettalji ta' fejn l-attur kellu jibgħat il-bilanċ tal-flus skont il-ftehim iffirmat bejniethom. Il-konvenut Pierre Debono imbagħad għadda din il-karta bil-kont il-ġdid miktub fuqha lill-attur li kopja tagħha ġiet esebita mal-affidavit tal-attur u mmarkata bħala Dok. 9. Dan kien l-ewwel darba li l-attur kien ra dan in-numru ta' dan il-kont.*

8. *Fit-18 ta' Awwissu, 2014 imbagħad il-bank kien ittrasferixxa l-ammont ta' €53,150 fil-kont indikat fil-ftehim iffirmat. Dan skont ma jirriżulta mid-Dok. 7;*

9. *Fit-18 ta' Awwissu, 2014 l-attur kien irċieva l-ewwel email mingħand B. Michael Bridge, CEO u Chairman tal-Chimera Group Limited. Fiha kien awguralu talli huwa kien ser jinvesti magħhom u tah xi dettalji ta' x'kien jagħmel u ma jagħmilx. Din l-email qiegħda tiġi esebita u mmarkata bħala Dok. 8 mal-affidavit tal-attur;*

10. *L-attur u l-konvenut Pierre Debono kienu jikkomunikaw ta' spiss ma' xulxin għar-rigward ta' xi emendi li kellhom isiru fil-ftehim. Eżempju ta' dan hemm email datata 19 ta' Awwissu, 2014 (11.11am) fejn il-konvenut Pierre Debono kien bagħat lill-attur (Dok. 10 mal-affidavit tal-attur) flimkien ma' dokument, fejn il-kelma Malta żdiedet wara l-isem tar-raħal St. Paul's Bay fejn l-intestata 'Bank Address'. Dak in-nhar stess fl-4.08pm l-attur kiteb lill-konvenut Pierre Debono fejn talbu jżid il-kelma Malta għal darb'oħra wara l-isem tar-raħal St. Paul's Bay fejn l-intestata 'Address of Account Beneficiary' (Dok. 11 mal-affidavit tal-attur). Dak in-nhar stess, il-konvenut Pierre Debono għal darb'oħra wieġbu u qallu li l-emendi kollha neċessarji ġew implimentati (Dok. 12 mal-affidavit tal-attur);*

11. *Illi l-komunikazzjoni fil-bidu li sar l-investiment kienet dejjem mal-konvenut Pierre Debono kemm permezz ta' emails kif ukoll permezz tax-short messaging system (SMS). Kien il-konvenut Pierre Debono li kien qiegħed jieħu ħsieb l-affarijiet kollha meħtieġa sabiex l-attur jinvesti flusu u jiġi milħuq u implimentat il-ftehim eventwalment iffirmat bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta. U kien il-konvenut Pierre Debono li sussegwentement kien infurmah li l-flus kienu waslu fil-kont bankarju mogħti. Bħal ma kien il-konvenut Pierre Debono li mill-bidu nett għamel rappreżentazzjonijiet mal-attur sabiex iħajru jinvesti flusu. Sussegwentement, imbagħad, l-attur kien irċieva email mingħand B. Michael Bridge fejn infurmah li l-flus kienu waslu fil-kont tal-avukati fil-ġurnata ta' qabel (Dok. 15 anness mal-affidavit). Ir-referenza mill-konvenut Debono u fl-email ta' Bridge kienet għall-ewwel transfer ta' flejjes u ċioe ammont ta' €53,150;*

12. *Fil-25 ta' Awwissu, 2014 l-attur kien informa lill-konvenut Pierre Debono li huwa kien beda l-proċeduri sabiex jittrasferixxi r-rimanenti flejjes. Il-konvenut Debono fit-3.37 pm tal-ġurnata hawn appena imsemmija kien bagħtlu messaġġ fejn qallu li 'I notified Michael John he will notify us as soon as they hit the acc' (Dok. JM1 anness mal-affidavit). L-għada, u ċioe fis-26 ta' Awwissu, 2014 is-somma ta' €146,850 intbagħtet fil-kont li l-konvenut Debono kien kiteb fuq il-karta dok. 9 anness mal-affidavit. Dan it-trasferiment sar tramite l-Bank of Valletta (Dok. 16);*

13. *Fis-27 ta' Awwissu, 2014 l-attur irċieva email fl-4.19pm mingħand B. Michael Bridge fejn qallu li dawn il-flejjes ma kinux għadhom waslu (dok. 17 annessa mal-affidavit). Dak in-nhar stess fit-8.33pm l-attur wieġbu u qallu li l-Bank kien infurmah li l-flejjes kienu ntbagħtu ġurnata qabel (dok. 18 annessa mal-affidavit). Fid-29 ta' Awwissu, 2014 imbagħad l-attur reġa' bagħat email fis-2.21pm fejn ta lil Michael (Bridge) u lill-konvenut Debono n-numru tar-referenza tat-transazzjoni (it-tieni waħda li kien għamel, u ċioe dik ta' €146,850). Talabhom sabiex jinfurmawh meta jaslu għandhom il-flus u infurmahom ukoll li l-bank qallu li l-flus ġew cleared u għalhekk suppost kienu waslu (dok. 19 annessa mal-affidavit). Ftit tal-minuti wara, l-attur irċieva email bi tweġiba għal dik tiegħu fejn ġie infurmat li l-flejjes kienu ġew cleared il-ġurnata ta' qabel u li l-konvenut Debono kien infurmat b'dan. L-attur ġie infurmat ukoll li l-konvenut Debono kellu jipprepara lista tad-dati meta kellhom isiru l-pagamenti lilu peress li t-transazzjoni kellha tibda minn dak in-nhar (Dok. 20 annessa mal-affidavit);*

14. *Fl-1 ta' Settembru, 2014, l-attur irċieva email mingħand il-konvenut Pierre Debono u li permezz tagħha l-istess konvenut talab lill-attur sabiex jikkonferma u wara jaċċetta d-dati tal-pagamenti li kellhom isiru lilu (dok. 21 anness mal-affidavit). Il-konvenut Debono kien indika lill-attur li minn Ottubru, 2014 sa Mejju, 2015, salv għal Jannar, 2015, fejn l-attur kellu jirċievi xi żewġ pagamenti, l-istess*

*attur kellu jirċievi pagament fix-xahar u dan skont ma kien ġie miftiehem bejniethom. F'Mejju, 2015 l-attur kellu wkoll jirċievi l-kapital filwaqt li fix-xhur l-oħra kellu jirċievi ħlasijiet skont il-ftehim milħuq bejniethom u li jġib id-data tal-25 ta' Awwissu, 2014, in-numru "25" fuq il-ftehim dok. 3 (anness mal-affidavit tal-attur) qabel il-kliem August, 2014 kitbu l-konvenut Debono fil-preżenza tal-attur. Dak in-nhar stess u ċioe fl-1 ta' Settembru, 2014 l-attur kien irrisponda lill-konvenut Debono u qallu li kien qiegħed jikkonferma l-imsemmija dati u li kien qiegħed jaċċettahom (dok. 22 anness mal-affidavit tal-attur);*

15. *Wara din l-email tal-1 ta' Settembru, 2014 l-attur imbagħad beda jistenna li jirċievi l-ewwel pagament fl-10 ta' Ottubru, 2014 skont kif kien wegħdu l-konvenut Pierre Debono. L-10 ta' Ottubru, 2014 ġie iżda l-ebda pagament ma kien wasal u għalhekk l-attur ikkomunika mal-konvenut Debono. L-attur ġie infurmat mill-konvenut Debono, tramite email li kienet intbagħtet lill-konvenut Debono minn Michael Bridge u li ġiet forwarded lill-attur mill-istess konvenut Debono li dak in-nhar stess kienu ġew likwidati xi trade funds u li wara li dawn l-ammonti jkunu daħlu fil-kont tagħhom l-accountants kienu ser iħallsu (dok. 23 anness mal-affidavit tal-attur);*

16. *Wara din id-data u ċioe l-10 ta' Ottubru, 2014 bdew sensiela ta' skużi, waħda wara l-oħra fejn l-attur mhux talli ma ngħatax dak li kien ġie miftiehem fil-ftehim datat 25 ta' Awwissu, 2014 iżda talli lanqas il-kapital li huwa kien ta fil-bidu ma baqa' qatt ġie mogħti lura lilu. Dan kollu jixhduh l-emails li ġew esebiti mal-affidavit tal-attur u mmarkati rispettivament bħala dok. 24 sa dok. 95;*

17. *Illi l-attur kien ikellem lil Pierre Debono u dan kien jassigurah li ma kienx hemm problemi sabiex huwa jirċievi l-flus. L-attur qatt ma ltaqa' ma' Michael Bridge personalment għalkemm tkellem ma' persuna, li qaltlu li kien jisimha Michael Bridge f'xi erba' okkażjonijiet;*

18. *Fl-14 ta' Ottubru, 2014 il-konvenut Pierre Debono ifforwardja lill-attur email li kien irċieva mingħand Michael Brige fejn ingħad li 'the funds of the profits were not sent to me till yesterday, when it lands into the account, then this payment will be issued out as soon as possible' (dok. 24 anness mal-affidavit tal-attur). Din l-email il-konvenut Debono bagħatha lill-attur sabiex iserraħlu moħħu. Minn qari tal-emails kollha li intbagħtu lill-attur, dejjem kienet l-intenzjoni tal-konvenut Debono li jassigurah li l-ħlasijiet ġejjin;*

19. *Peress li sat-22 ta' Ottubru, 2014 l-attur kien għadu ma rċieva l-ebda pagament, huwa bagħat email lill-konvenut Pierre Debono fejn infurmah b'dan il-fatt u talbu sabiex wara li jivverifika mal-accounts, jagħtih it-tracking number ħalli jkun jista'*

*jivverifika mal-bank x'kienet ir-raġuni l-għala dan il-pagament kien weħel (dok. 31 anness mal-affidavit tal-attur);*

20. *Fit-23 ta' Ottubru, 2014 il-konvenut Pierre Debono bagħat email lill-attur fejn qallu li Michael Bridge ma setax ikellmu 'l għaliex kien qiegħed f'meeting. Qallu li kien ser ikellmu 'l għaliex ried jikkjarifika xi affarijiet. Il-konvenut Pierre Debono informa lill-attur li Michael Bridge kien sejjer jittermina l-ftehim li kienu għamlu u li l-istess attur kien ser jirċievi l-ammont ta' €30,000 dik il-ġimgħa stess imbagħad il-kapital fl-ammont ta' €200,000 wara ħamsa u erbgħin (45) ġurnata. Dan peress li skont il-konvenut Debono u Michael Bridge, dan in-negozju li kien sar ma kienx jgħodd għall-attur l-għaliex skont hu, l-attur kien persuna li toqgħod tinkwieta (dok. 32 mal-affidavit tal-attur). Il-konvenut Debono, sakemm daħħal lill-attur f'dan il-ftehim, qatt ma kien qallu xejn minn dak li kitiblu f'din l-email. Qatt ma qallu li kien hemm dawn il-problemi kollha li bdew jissemmew wara l-10 ta' Ottubru, 2014 u ċioe d-data tal-ewwel pagament. Sussegwentement, l-attur irċieva email wara ftit minuti u ċioe fis-1.44pm mingħand Michael Bridge fejn ikkonferma dak li kien għadu kif qallu l-istess konvenut Debono fl-email tiegħu u żied jerġa' jgħidlu għal darb'oħra li huwa kien ser jirċievi l-pagament lilu dovut (dok. 33);*

21. *FL-4 ta' Novembru, 2014 l-attur reġa' irċieva email oħra mingħand Michael Bridge fejn fost affarijiet oħra qallu li hu u l-konvenut Pierre Debono kienu jaħdmu mill-viċin u li ma kien ser jagħmel xejn sabiex joħloq xi diżgwid bejn l-attur u l-familjari tal-konvenut Debono (Dok. 34). Aktar tard dak in-nhar, l-attur kien irċieva s-segwenti messaġġ fuq iċ-ċellulari tiegħu:*

    *"Hi John!!! Please please don't get sick please ... Rest assur you are getting your funds and tmr I will show you evidence of POF to pay you but I haul have a slight issue that I am sorting out please from my heart I don't want you to be losing sleep ... Pierre have respect for me and I will NEVER disrespect him to do anything wrong with you or any of his clients ...*

    *Regards*

    *Michael and I will call you tmr after I send my email to you to explain all' (Dok. JM 1);*

22. *Fis-7 ta' Novembru, 2014 l-attur irċieva email oħra mingħand Michael Bridge fejn infurmah li kien sar trasferiment u li dawn il-fondi kienu ser jiġu ttrasferiti l-ġimgħa ta' wara. Michael Bridge talab lill-konvenut Pierre Debono sabiex jispjega lill-attur x'kien id-dokument li kien hemm aness ma' din l-email (dok. 37 anness*

*mal-affidavit tal-attur). Ma' din l-email kien hemm dokument li juri ċ-ċifra ta' €24,900.00;*

23. *Minn Novembru 2014 'il quddiem l-attur kien jirċievi emails jew telefonati jew mingħand Michael Bridge jew mingħand il-konvenut Pierre Debono dwar meta kellhom jaslu għandu l-pagamenti li kienu mwegħda lilu fir-rigward tal-ammont li huwa kien tahom oriġinarjament. Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni inkwetanti, l-attur kien jipprova jżomm relazzjoni tajba mal-konvenut Debono u ma' Michael Bridge minkejja li dawn il-pagamenti baqgħu ma waslux u dan peress li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar beda, l-attur, jiġi dipendenti fuqhom għal informazzjoni ta' x'kien ser jiġri minn flusu. Mhux tal-flejjes li ġejjin mill-investiment iżda mill-investiment innifsu. L-attur wasal f'sitwazzjoni fejn ma riedx jurta lill-konvenut Debono u lil Michael Bridge sabiex ma jaqtgħux il-kuntatt minn miegħu;*

24. *L-attur jisħaq li mill-emails esebiti, fihom hemm dejjem, jew kważi dejjem, indikat il-konvenut Pierre Debono u dan, fil-fehma tiegħu juri li bejn il-konvenut Pierre Debono u Michael Bridge, jekk verament din il-persuna teżisti, hemm familjarità kbira u l-konvenut Debono kien ikun jaf eżatt x'kien qiegħed jiġri fir-rigward tal-affarijiet tal-attur jew x'kien ser jgħidlu dan Michael Bridge. Il-konvenut Debono da parti tiegħu qatt ma rrisponda li ma kienx qiegħed jaqbel ma' dak li kien qiegħed jgħid dan Michael Bridge;*

25. *L-attur kien ukoll ġie assigurat verbalment mill-konvenut Pierre Debono, wara li huwa kien urieh kemm kien inkwetat għal flusu, li l-attur kien ser jieħu flusu lura mhux 100% imma 1000%;*

26. *Fil-5 ta' Diċembru, 2014 l-attur kien irċieva email mingħand Michael Bridge (dok. 42 annessa mal-affidavit tiegħu) wara li huwa kien fetaħ qalbu dwar il-problemi li kien jinsab fihom ma' missier il-konvenut Debono. Wara ftit ġranet li huwa kien irċieva l-imsemmija email, kien ċempillu Joseph Debono, missier il-konvenut Pierre Debono, u qallu li sal-aħħar tal-ġimgħa ta' wara huwa kellu jirċievi s-somma ta' €300,000 li kellha tkopri l-ammont li huwa kien ta oriġinarjament u l-interessi. Dan il-ħlas baqa' ma avverax ruħu;*

27. *Fit-12 ta' Jannar, 2015 l-attur reġa bagħat email lil Michael Bridge u Pierre Debono fejn apparti li uriehom id-diżappunt tiegħu, kien qalilhom ukoll li 'I feel that I was taken for a ride for the past 5 months' (dok. 43 annessa mal-affidavit tal-attur). Filwaqt li Michael Bridge wieġbu lura permezz ta' email ftit tal-ħin wara fejn qallu li "... I have never stolen your funds or played with you' (dok. 44 annessa mal-affidavit tal-attur), il-konvenut Pierre Debono baqa' ma qallu xejn. Anzi fl-20 ta' Frar, 2015 permezz ta' email indirizzata lill-attur, il-konvenut*

*Debono qallu li "John, I have been notified yesterday by the lawyers of Michael and they confirmed that the block has been fixed and payments will be starting as of from next Thursday of next week' (dok. 45 annessa mal-affidavit tal-attur). Sussegwentement, dak in-nhar stess, aktar tard, l-attur irċieva email mingħand Michael Bridge fejn ukoll ikkonferma dak li kien qallu l-konvenut Debono preċedentement fl-email tiegħu (dok. 46 annessa mal-affidavit tal-attur). L-attur irringrazzjahom ta' din l-informazzjoni (dok. 47 annessa mal-affidavit tal-attur). Fis-26 ta' Marzu, 2015 l-attur kien bagħat email indirizzata lil Michael Bridge u lill-konvenut Pierre Debono fejn għamel referenza għall-email li kien bagħatlu l-istess konvenut Debono fl-20 ta' Frar, 2015 (dok. 45 annessa mal-affidavit tal-attur) u reġa' talabhom sabiex jgħidulu għalfejn kien hemm dan id-dewmien biex din il-kwistjoni li kienu qegħdin jgħidu li kien hemm tiġi risolta (dok. 46 annessa mal-affidavit tal-attur). Din l-email jidher li ma waslitx għand Michael Bridge (dok. 47 annessa mal-affidavit tal-attur) u b'hekk l-attur talab lil Catherine (li kienet tkun ikkuppjata b'xi uħud mill-emails hawn imsemmija) u lill-konvenut Debono sabiex jgħaddu din l-email lil Michael Bridge. Il-konvenut Debono wieġeb lill-attur fil-pront u qallu li hekk kien għamel (dok. 48 annessa mal-affidavit tal-attur). L-attur irringrazzjah (dok. 49 annessa mal-affidavit tal-attur) u l-konvenut Debono qallu li kollox kien ser jispiċċa daqt (dok. 50 annessa mal-affidavit tal-attur);*

28. *L-attur kien anke qal lill-konvenut Debono li huwa kien fdah kompletament u li l-istess konvenut Debono kien assigurah li kellu jieħu ħsieb il-pagamenti (dok. 51 annessa mal-affidavit tal-attur). L-attur qal lill-konvenut Debono li huwa kien għadu qed jittama fih. Din l-email baqgħet qatt ma ġiet imwieġba mill-konvenut Pierre Debono;*

29. *Fit-8 ta' Mejju, 2015 l-attur kien ġie infurmat minn Michael Bridge li huwa kien jinsab ġewwa New York (dok. 53 annessa mal-affidavit tal-attur). L-attur sadanittant xorta baqa' jikkorrispondi ma' Pierre Debono dwar flusu (dok. 55 sa dok. 58 annessi mal-affidavit tal-attur);*

30. *Fit-3 ta' Ġunju, 2015 l-attur, għal darb'oħra, reġa' kiteb email lil Michael Bridge u l-konvenut Debono kien ikkupjat (dok. 59 annessa mal-affidavit tal-attur). Fiha kien infurmahom li l-ftehim li kellhom kien skada fit-22 ta' Mejju, 2015 u li tul il-perijodu kollu minn meta ġie ffirmat dan il-kuntratt sa dak in-nhar, huwa ma kien irċieva xejn fi flus. Qallu li huwa kien tah 'a false sense of security' u qallu wkoll li frankament ħass li 'I have been taken for a ride all throughout'.*

31. *Fil-15 ta' Ġunju, 2015 l-attur irċieva telefonata oħra mingħand il-konvenut Debono għall-ħabta tal-4.00pm waqt li l-attur kien l-Imsida. Huwa spjegalu dak*

*kollu li kien għaddej minnu minħabba dak li kienu għamlulu u l-konvenut Debono reġa' assigurah għal darb'oħra li huwa kien ser jirċievi flusu kollha. Il-konvenut Debono kien semma' l-fatt lill-attur li kien hemm xi flejjes imblukkati minħabba xi kwistjoni ma' xi klijent iżda din kellha tiġi risolta fi żmien qasir (dok. JM 1);*

32. *Fil-bidu ta' Lulju, 2015 l-attur kien iltaqa' b'kumbinazzjoni mal-konvenut Pierre Debono ġewwa l-LIDL ta' San Ġwann. F'dik l-okkażjoni l-attur reġa' għarrfu kemm kien qiegħed iħossu ħażin minħabba din is-sitwazzjoni u l-problemi li din is-sitwazzjoni kienet ħolqitlu. Il-konvenut Debono qal lill-attur sabiex ma joqgħodx jinkwieta xejn 'l għaliex l-affarijiet kienu sejrin jitranġaw u l-flejjes dovuti lilu, ċioe lill-attur, kien ser jirċevihom kollha. Qallu wkoll li dak in-nhar fil-għaxija hu u Michael Bridge kienu ser jitkellmu u wara l-konvenut Debono kellu jinfurmah bl-iżviluppi. L-attur kien ikkomunika mal-konvenut Debono permezz ta' diversi emails (dok. 60 sa dok. 64 annessi mal-affidavit tal-attur). It-tweġiba kienet fis-sens li l-konvenut kien qiegħed jistenna mingħand Michael Bridge;*

33. *Fl-10 ta' Lulju, 2015 l-attur kien bagħat email lill-konvenut Debono fejn infurmah li meta kienu ltaqgħu b'kumbinazzjoni ġewwa l-LIDL il-konvenut kien infurmah li Michael Bridge kellu jċempel lill-konvenut aktar tard dak in-nhar. L-attur talbu sabiex jagħtih xi żviluppi kien hemm għar-rigward tal-ħlasijiet dovuti lilu. F'din l-email l-attur kien esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li min-naħa tiegħu, il-konvenut Debono ma kienx infurmah dwar xi żviluppi kien hemm kif kien wegħdu li ser jagħmel meta ltaqgħu ġewwa l-LIDL (dok. 65 annessa mal-affidavit tal-attur). Jidher li din l-email tal-attur mibgħuta lill-konvenut Pierre Debono intbagħtet lil Michael Bridge (Dok. 66 sa dok. 68 annessi mal-affidavit tal-attur) u dan Michael Bridge irrisponda lill-attur u qallu sabiex jieħu ftit paċenzja bih (dok. 69 annessa mal-affidavit tal-attur);*

34. *Lejn l-aħħar ta' Lulju, bidu ta' Awwissu, 2015 l-attur kien kellem lill-Ispettur tal-Pulizija Jason Sultana u kien qallu b'dak li kien ġralu. Huwa kien bagħat għal Pierre Debono u skont ma qal l-istess Spettur Sultana lill-attur, huwa kien kellem lil Michael Bridge u dan qallu li kellu jirranġa l-kwistjoni fi żmien sitt ġimgħat. Fl-10 ta' Settembru, 2015 il-konvenut Pierre Debono kien bagħat email lill-Ispettur Sultana (dok. 70 annessa mal-affidavit tal-attur) fejn talbu sabiex jibgħatlu l-email address il-ġdid ta' Michael Bridge li dan kien bagħat lill-attur għax dan ma setax isibu. Fl-14 ta' Settembru, 2015 l-Ispettur kiteb lil Michael Bridge fejn talbu sabiex jagħtih update u dan peress li sa dak in-nhar ma kien hemm l-ebda kuntatt (dok. 71 annessa mal-affidavit tal-attur). L-Ispettur kien ta kopja ta' email li l-konvenut Pierre Debono kien bagħat lil Michael Bridge (dok. 72 annessa mal-affidavit tal-attur). L-Ispettur kien ta kopja ta' email li l-konvenut Pierre Debono kien bagħat lil Michael Bridge (dok. 72 annessa mal-affidavit tal-attur) u dak in-*

*nhar stess, l-istess Spettur Sultana kien ifforwardja email lill-attur u li l-Ispettur kien irċieva mingħand Michael Bridge. F'din l-email fost affarijiet oħra hemm miktub li, 'If indeed you were working for who you stated you are the investigation would have started with Mr Pierre Debono and he would have shown and proved to you that he and I had every intention to pay John and he is involved in solving the situation. But because of his own weakness he has passed the buck like other partners that I had in my circles before' (dok. 73 and dok. 74 annessi mal-affidavit tal-attur);*

35. *L-Ispettur Sultana kien ta parir lill-attur sabiex jagħmel rapport formali u sabiex huwa jibda jikteb bl-avukati. Hekk għamel l-attur u minkejja li l-avukat tiegħu Dr Stephen Tonna Lowell kien kiteb lill-konvenut Pierre Debono fit-23 ta' Diċembru, 2015 sabiex tiġi mħallsa lura lilu s-somma inizjali ta' mitejn elf Euro (€200,000) l-istess konvenut Pierre Debono, tramite l-avukati tiegħu kien wieġbu fit-12 ta' Jannar, 2016, fejn huwa kien qal li ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni;*

36. *Fis-26 ta' Jannar, 2016 l-attur kien irċieva email mingħand Michael Bridge, liema email kienet ukoll ikkupjata lill-konvenut Pierre Debono fejn fost affarijiet oħra intalab sabiex jagħti d-dettalji tal-avukati tiegħu ħalli jkun jista' jsir il-ħlas. F'din l-email kien hemm mitkub ukoll li, 'I did not wish for this to happen, because when Pierre and I got into business we did not mean to be in this position as we had our exit at that time but things did not go to plan and we ended up losing our deal and face' (dok. 75 annessa mal-affidavit tal-attur). L-attur kien bagħat din l-email lill-Avukat tiegħu Dr Stephen Tonna Lowell (dok. 76 annessa mal-affidavit tal-attur). Fit-28 ta' Jannar, 2016 l-attur bagħat id-dettalji tal-avukat tiegħu lil Michael Bridge kif kien ġie mitlub (dok. 77 sa dok. 79 annessi mal-affidavit tal-attur).*

37. *Fil-15 ta' Frar, 2016 l-attur reġa' irċieva email mingħand Michael Bridge fejn qallu li l-avukat tiegħu kellu jikkomunika biex jintlaħaq ftehim sal-aħħar tal-ġimgħa (dok. 83 u dok. 84 annessi mal-affidavit tal-attur);*

38. *Fit-23 ta' Frar, 2016 imbagħad l-attur reġa' irċieva email oħra mingħand dan Michael Bridge fejn qallu li qabel mal-avukati tiegħu jikkomunikaw mal-avukat tal-attur, huwa ried ikellem lill-konvenut Pierre Debono (dok. 85 annessa mal-affidavit tal-attur). L-istess ħaġa reġa' qallu fit-8 ta' Marzu, u fil-11 ta' Marzu, 2016 (dok. 86 sa dok. 89 annessi mal-affidavit tal-attur);*

39. *Fl-14 ta' Marzu, 2016 l-attur irrisponda lil Michael Bridge permezz ta' email u tah id-dettalji li kien talab, inkluż dak tal-Avukat tal-konvenut Pierre Debono. L-attur kien qal lil dan Michael Bridge li huwa kien sorpriż b'dan il-fatt u ċioe li huwa ried ikellem lill-konvenut Debono qabel ma huwa jirċievi l-flejjes dovuti lilu (dok. 90*

*annessa mal-affidavit tal-attur). Jidher li dak in-nhar stess il-konvenut Pierre Debono wieġeb lil Michael Bridge u tah id-dettalji tiegħu (dok. 91 annessa mal-affidavit tal-attur) u li l-istess Michael Bridge kien wieġbu lura l-għada 15 ta' Marzu, 2016 (dok. 92 annessa mal-affidavit tal-attur);*

40. *Fil-21 ta' Marzu, 2016 l-attur irċieva email mingħand Michael Bridge fejn qallu li huwa kien kellem lil Pierre Debono u infurmah li għalkemm kien qallu li l-Avukat kien ser jikkomunika miegħu dak in-nhar, inzerta li l-Avukat kien ma jiflaħx u li allura kellu jikkomunika miegħu wara li jerġa' jirritorna lura l-uffiċċju (dok. 93 annessa mal-affidavit tal-attur). Fil-31 ta' Marzu, 2016 l-attur bagħat email lil Michael Bridge fejn qallu li l-avukat tiegħu (ta' Michael Bridge) kien għadu ma kkomunikax mal-avukat tiegħu (tal-attur) u talbu wkoll sabiex jibgħatlu d-dettalji li kien talbu preċedentement (dok. 94 annessa mal-affidavit tal-attur). Michael Bridge irrisponda lill-attur li hekk kien ser jagħmel l-avukat tiegħu (dok. 95);*

41. *L-attur jisħaq li l-konvenut Debono qatt ma kien innega miegħu dak li kien jgħid fl-emails tiegħu Michael Bridge minkejja li kien ikkupjat. Huwa jifhem li jekk kien ikun hemm xi ħaġa li ma jaqbilx magħha, il-konvenut Debono kien jirrispondi lura u kien juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dak miktub. Inoltre kien il-konvenut Pierre Debono illi induċa lill-attur iħallas l-imsemmija ammonti b'rappreżentazzjonijiet li wara rriżultaw li ma humiex minnhom u ta x'jifhem lill-attur u ppreżenta lilu nnifsu mal-attur bħala persuna li għandu esperjenza tajba fil-qasam ta' investimenti ta' flus in-nies;*

42. *Fl-4 ta' April, 2016 l-Avukat tal-attur Dr Stephen Tonna Lowell kien bagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jinvestiga dan il-każ (dok. 96 annessa mal-affidavit tal-attur);*

43. *L-attur jikkonferma li sal-lum, huwa baqa' ma rċieva xejn la flusu u ċioe l-kapital ta' mitejn elf Euro (€200,000) u lanqas dak li kien imwiegħed lilu mill-konvenut Pierre Debono;*

44. *Illi l-konvenuti, minkejja li ġew interpellati sabiex iħallsu dak minnhom dovut lill-atturi baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*TALBIET:*

*Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti għalfejn dina l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, provvediment u ordni neċessarja u opportuna:*

1. *TIDDIKJARA li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-ħlas lura tal-ammont imħallas oriġinarjament mill-attur fil-ftehim datat 25 ta' Awwissu, 2014;*

2. *TIDDIKJARA li l-konvenuti jew min minnhom huma tenuti jħallsu lill-attur l-ammonti hekk miftiehma skont il-ftehim tal-25 ta' Awwissu, 2014;*

3. *TIDDIKJARA f'kull każ li l-konvenut Pierre Debono huwa responsabbli għall-ħlas lura tal-ammont imħallas oriġinarjament mill-attur u huwa tenut li jħallas lill-attur l-ammonti kollha hawn fuq imsemmija lill-attur għaliex, fost affarijiet oħra, kien huwa illi induċa lill-attur iħallas l-imsemmija ammonti b'rappreżentazzjonijiet li wara rriżultaw li ma humiex minnhom u ta x'jifhem lill-attur u ppreżenta lilu nnifsu mal-attur bħala persuna li għandu esperjenza tajba fil-qasam ta' investimenti ta' flus in-nies;*

4. *TILLIKWIDA l-ammont dovut lill-attur fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet talba anke bl-opera ta' periti nominandi;*

5. *TIKKUNDANNA lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata mill-Qorti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-Avukat Dr Patrick Valentino u mill-PL Gillian Muscat, li b'digriet tad-29 ta' Settembru 2016 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera **Chimera Group Limited** ippreżentata nhar il-21 ta' Ottubru, 2016, fejn eċċepew:

1. *Illi, fl-ewwel lok, in linea preliminari u peress li din l-eċċezzjoni trid titqajjem in limine litis, jirriżulta mid-dokumentazzjoni esebita mar-rikors promutur illi fil-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti kienu volontarjament issottomettew irwieħhom irrevokabbilment għall-ġurisdizzjoni tal-istat ta' Florida*[1]*, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tittratta dan il-każ fil-konfront tas-soċjetà Chimera Group Limited li għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

[1] Art. 8.11 tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti jipprovdi li, '*The parties hereby irrevocably submit to the jurisdiction of the state or federal courts located in Miami-Dade county Florida in connection with any suit action or other proceedings arising out of or relating to this agreement ...*'.

2. *L-esponenti fit-tieni lok jirrilevaw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża però jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Pierre Debono** (ID 580776M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Novembru, 2016, u maħlufa minnu stess, fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi l-konvenut Pierre Debono mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stante illi huwa evidenti li t-talbiet attriċi għandhom jiġu indirizzati lejn is-soċjetà konvenuta u d-direttur tagħha s-Sur Brian Michael Bridge u dan tenut kont tal-fatt illi l-atturi ikkuntrattaw esklussivament mas-soċjetà konvenuta Chimera Group Limited u d-direttur tagħha u mhux mal-konvenut esponenti;*
2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi ma teżistix relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut Pierre Debono;*
3. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi għandhom jindikaw taħt liema dispożizzjonijiet tal-Liġi qegħdin jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom, partikolarment u b'mod separat in kwantu għall-ewwel u t-tielet talbiet, u dan ai termini tal-artikolu 156 (1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'riserva għall-preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, hekk kif l-atturi jiċċaraw l-azzjoni li qed jipproponu permezz tal-istess talbiet imsemmija;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt il-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawża;*
5. *Illi b'referenza għall-ewwel, it-tieni talbiet, ir-raba' u l-ħames talbiet, jiġi eċċepit illi l-imsemmija huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess u dana stante illi l-konvenut qatt ma jista' jinżamm responsabbli għall-ħlas lura ta' flejjes naxxenti minn ftehim ikkuntrattat bejn l-atturi u terzi, partikolarment meta l-istess flejjes ġew perċepiti esklussivament minn dawn it-terzi;*
6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, b'referenza għat-tielet talba, jiġi eċċepit illi din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante illi mhuwiex minnu illi l-konvenut Pierre Debono induċa lill-atturi jħallsu xi ammont b'rappreżentazzjonijiet illi wara rriżultaw li mhumiex minnhom*

*jew li ta x'jifhem lill-istess u ppreżenta lilu nnifsu b'tali mod li huwa għandu esperjenza tajba fil-qasam tal-investiment fi flus in-nies;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-atturi investew somma sostanzjali ta' flus ammontanti għal mitejn elf Euro (€200,000) tramite soċjetà estera bl-isem ta' Chimera Group Limited bl-intiża li għal dan l-investiment jirċievu imgħaxijiet sostanzjali, fejn l-indikazzjonijiet kienu li għal dan l-investiment setgħu jirċievu mgħax bir-rata ta' ħmistax fil-mija (15%) fix-xahar. L-atturi jinsistu li huma tħajru jagħmlu dan l-investiment wara diskursata li l-attur kellu mal-konvenut Pierre Debono, fejn dan kien aċċerta lill-attur li ma hemm l-ebda riskju marbut ma' dan l-investiment, u li hemm diversi persuni oħra li kienu diġà investew flushom f'dan l-investiment

u qegħdin jaqilgħu imgħaxijiet kbar. Ġara illi wara li l-atturi investew is-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000) permezz ta' flejjes li huma ttrasferew f'kontijiet indikati lilhom minn Pierre Debono nnifsu, u għad li l-istess Debono kien infurmahom bil-ġranet meta kienu ser jitħallsu lilhom l-imgħaxijiet li huma ppretendew li jirċievu għall-investiment tagħhom, bdew l-iskużi min-naħa tal-konvenuti b'dan illi l-atturi baqgħu ma tħallsu xejn lura, la mill-kapital tagħhom u lanqas mill-imgħaxijiet li kienu ġew imwiegħda lilhom. Kienu diversi l-iskambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, iżda minkejja d-diversi wegħdi li saru da parti tal-konvenuti, li kienu taw anki diversi assigurazzjonijiet li l-flejjes investiti mill-atturi kienu ser jitħallsu lura lilhom, dawn baqgħu ma ħadu l-ebda flus minn dak li kienu dovuti lilhom.

Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-ħlas lura tal-ammont oriġinarjament imħallas mill-attur permezz tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta' Awwissu, 2014; tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma tenuti jħallsu lill-attur l-ammonti miftiehma skont l-imsemmi ftehim; f'kull każ tiddikjara li l-konvenut Pierre Debono huwa responsabbli għall-ħlas lura tal-ammont imħallas oriġinarjament mill-attur u huwa tenut li jħallas lill-attur l-ammonti kollha hawn fuq imsemmija lill-attur għaliex, fost affarijiet oħra, kien huwa illi induċa lill-attur iħallas l-imsemmija ammonti b'rappreżentazzjonijiet li wara rriżultaw li mhumiex minnhom u ta x'jifhem lill-attur u ppreżenta lilu nnifsu mal-attur bħala persuna li għandu esperjenza tajba fil-qasam ta' investimenti ta' flus in-nies; u tgħaddi għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tal-ammonti hekk likwidati.

Is-soċjetà estera Chimera Group Limited, li f'dawn il-proċeduri kienet rappreżentata minn kuraturi deputati, wieġbet li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' din il-kawża mibdija mill-atturi minħabba li fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, dawn issottomettew ruħhom volontarjament għall-ġurisdizzjoni tal-Istat ta' Florida. Din il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari permezz ta' sentenza *in parte* li ngħatat fl-10 ta' April, 2017.

Min-naħa tiegħu l-konvenut Pierre Debono eċċepixxa li hu mhux leġittimu kontradittur u dan minħabba li l-ftehim inkwistjoni ġie ffirmat bejn l-atturi u s-soċjetà Chimera Group Limited, liema soċjetà l-konvenut Pierre Debono waqt is-smigħ tal-provi sostna li hu m'għandu x'jaqsam xejn magħha. Debono eċċepixxa wkoll li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi, filwaqt li eċċepixxa n-nullità ta' dawn il-proċeduri minħabba li l-atturi naqsu milli jindikaw taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huma qegħdin jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom. Il-konvenut żied jgħid li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li hu personalment qatt ma jista' jintalab irodd lura flejjes naxxenti minn ftehim ikkontrattat bejn l-atturi u terzi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **John Mifsud** fl-*affidavit* tiegħu[2] qal li hu sar jaf lill-konvenut Pierre Debono minħabba li hu ħabib ta' missieru Joseph Debono, u kien iltaqa' miegħu f'Awwissu tal-2014 waqt li kien fil-garaxx ta' missieru. L-attur spjega li fiż-żmien meta ltaqa' mal-konvenut Debono, hu kien wasal biex jirtira minn

[2] *A fol.* 15 tal-proċess.

karriera fil-qasam tar-radjuterapija mad-Dipartiment tas-Saħħa. Qal li dakinhar Pierre Debono kien qallu li hu kien daħal f'negozju fil-qasam tal-investimenti finanzjarji ma' ċertu Michael Bridge, u sabiex seta' jidħol f'dan in-negozju kien saħansitra ħalla negozju ieħor li kellu fil-qasam tat-Teknoloġija tal-Informatika. L-attur żied jgħid li l-konvenut kien qallu li spiss kien isiefer b'rabta ma' dan in-negozju tiegħu, u kien qallu wkoll li l-kumpannija li kien involut fiha kienet tħallas imgħaxijiet bil-ħmistax fil-mija (15%) fix-xahar, u din kienet f'qagħda li tħallas dawn it-tip ta' imgħaxijiet minħabba li l-intermedjarji fin-negozju tagħha kienu ftit u għalhekk ma kellhiex ħafna spejjeż marbuta mal-operat tagħha. Spjega li l-konvenut Debono kien qallu wkoll li aktar ma wieħed jinvesti ma' din il-kumpannija, aktar seta' jistenna qligħ, u min investa l-miljuni saħansitra kien qiegħed jaqla' sa erbgħin fil-mija (40%) imgħaxijiet. L-attur kompla jgħid li f'ħin minnhom kien interċeda missier il-konvenut u qallu li mnalla kien ibnu li induna li kien hemm min ipprova jiffroda eluf kbar jekk mhux miljuni kbar ta' Euro lill-istess kumpanija. Waqt l-istess konverżazzjoni, il-konvenut kien informa lill-attur li l-kumpannija inkwistjoni kienet tħaddem mat-tlieta u erbgħin (43) ruħ. L-attur kompla jgħid li l-konvenut kien qallu li jekk jitħajjar jinvesti mal-kumpannija, il-konvenut stess kien ser jassigura li hu jieħu l-pagamenti dovuti lilu, għalkemm kien qallu li l-unika problema hi li l-anqas ammont li seta' jiġi investit kien ta' mitejn elf Euro (€200,000). L-attur żied jgħid li hu tħajjar ħafna bid-diskors tal-konvenut, speċjalment minħabba li dan kollu kien qiegħed jintqal fil-preżenza ta' missier l-istess konvenut, li hu ħabib tal-attur. Qal ukoll li ma kien hemm xejn fl-imġiba tal-konvenut li lilu ġiegħlitu jitħasseb jew jaħseb li dan ma kienx qiegħed jgħid il-verità. L-attur qal li l-konvenut kien semmilu eżempju ta' xi ħadd qarib tiegħu li kellu fabbrika, li kien saħansitra żarma minn dan in-negozju minħabba li l-

investiment li kien għamel fin-negozju tal-konvenut tant kien sejjer tajjeb, li kien iddeċieda li ma riedx ibati u jaħdem iżjed. L-attur qal li wara dan id-diskors kollu hu kien informa lill-konvenut li kien fi ħsiebu jinvesti mal-kumpannija tiegħu, u minn hemmhekk beda skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet bil-għan li jseħħu t-tranżazzjonijiet miftiehma bejniethom. L-attur spjega kif fit-13 ta' Awwissu, 2014 il-konvenut Pierre Debono kien bagħatlu kopja tad-*draft agreement*[3] sabiex jaqrah u jagħti l-kummenti tiegħu dwaru. Wara li l-attur qara dak id-dokument, kien għarrfu li xtaq jipproċedi bl-investiment li kien diġà ġie diskuss. Skont dan il-ftehim, il-*borrower* kienet is-soċjetà Chimera Group Limited, soċjetà bl-indirizz tagħha rreġistrat fil-British Virgin Islands, u l-*lender* kien l-attur.

L-attur qal li l-partijiet ftiehmu li jerġgħu jiltaqgħu fil-garaxx ta' missier il-konvenut, għalkemm imbagħad ġie deċiż li l-laqgħa kellha ssir fid-dar tal-missier. L-attur kompla jgħid li hu ffirma l-ftehim fuq kull faċċata fejn kien hemm il-*paper stamp* u l-konvenut ħa ritratt ta' kull faċċata bil-*mobile* tiegħu. Il-verżjoni oriġinali ta' dan il-ftehim inżammet mill-attur, u l-konvenut kien infurmah li r-ritratti kienu ser jintbagħtu lil ċertu Michael Bridge sabiex dan jiffirmahom min-naħa tiegħu. L-attur żied jgħid li l-konvenut kien saħansitra qallu li parti mill-pagament tiegħu l-konvenut kien ser jirċevih f'kont bankarju li huwa kellu fi Spanja u l-parti l-oħra tal-pagament kien ser jirċevih f'kont bankarju hawn Malta. Il-konvenut kien ħajjar lill-attur juża l-istess sistema, imma huwa kien wieġbu li ma kienx interessat li jaħdem b'dak il-mod.

---

[3] *A fol.* 28 tal-proċess. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li, '*Lender agrees to lend to Borrower, and Borrower agrees to borrow from Lender, the Loan Amount. The Loan Amount shall be delivered from the Lender to the Borrower via the Escrow Agent. ... Borrower shall make repayment of the entire Loan Amount in accordance with the disbursement schedule set forth on Exhibit A attached hereto. No interest shall accrue on the Loan Amount, other than the payments specifically set forth in the disbursement schedule on Exhibit A.*'

L-attur ta elenku tad-diversi skambji ta' korrispondenza u dokumenti li kien hemm bejn il-partijiet. L-attur qal li permezz ta' *email* tal-15 ta' Awwissu, 2014, Pierre Debono kien bagħatlu kopja tal-kuntratt iffirmat minn Chimera, u hu kien bagħatlu risposta b'xi emendi żgħar li xtaq li jsiru fil-parti tal-indirizz.[4] L-attur żied jgħid li fis-16 ta' Awwissu 2014, huwa stess kien mar il-Bank of Valletta u għamel *application for payment order outwards* sabiex jinbeda l-proċess għall-ewwel pagament li hu kien fi ħsiebu jagħmel, fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, u mija u ħamsin Euro (€53,150) fil-kont li kien indikalu Pierre Debono.[5] L-attur spjega kif fit-18 ta' Awwissu, 2014 huwa kien irċieva korrispondenza mingħand Michael Bridge, bħala CEO u Chairman tal-Chimera Group Limited, li kien awguralu tal-investiment li kien ser jagħmel u tah aktar informazzjoni dwar in-negozju tiegħu.[6] L-attur spjega li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet fir-rigward tat-trasferiment tal-pagament inizjali li l-attur kellu jagħmel fil-ġranet bejn l-20 ta' Awwissu, 2014 u t-22 ta' Awwissu, 2014, meta l-konvenut kien informa lill-attur li l-flus kienu waslu fil-kont indikat.[7] L-attur żied jgħid li fil-25 ta' Awwissu, 2014 huwa kien informa lil Pierre Debono li kien beda proċeduri oħrajn mal-bank sabiex jittrasferilu l-flus rimanenti, u l-għada kienet ġiet trasferita s-somma ta' mija u sitta u erbgħin elf, tmien mija u ħamsin Euro (€146,850) mill-kont bankarju tal-attur mal-Bank of Valletta għall-kont bankarju indikat lilu minn Pierre Debono.[8] L-attur qal li wara li huwa kien ttrasferixxa dan l-ammont ta' flus, huwa qatt ma reġa' ltaqa' fiżikament ma' Pierre Debono ħlief darba waħda meta b'kumbinazzjoni iltaqa' miegħu f'*supermarket*. L-attur qal li fl-1 ta' Settembru, 2014, il-konvenut Pierre Debono kien bagħatlu *email* fejn infurmah bid-dati li fihom kellhom

---

[4] A fol. 52 *et seq* tal-proċess.
[5] *A fol.* 79 *et seq.* ta-proċess.
[6] *A fol.* 81 tal-proċess.
[7] *A fol*. 92 tal-proċess.
[8] *A fol*. 86 tal-proċess.

isiru l-pagamenti dovuti lilu, bl-ewwel pagament li kellu jsir lill-attur fl-10 ta' Ottubru, 2014.[9] L-attur qal però li meta waslet din il-ġurnata u baqa' ma sema' xejn mingħand Pierre Debono, hu kien ikkomunika miegħu permezz tat-*telephone*, u dan kienu qallu li qiegħed f'*meeting.* Sussegwentement, dakinhar stess filgħaxija, l-attur irċieva *email* mingħand Pierre Debono fejn għamel riferiment għal *email* oħra li kellha tintbagħat lill-attur minn Michael Bridge fejn dan infurmah li dakinhar stess kienu ġew likwidati xi *trade funds* u li wara li dawn il-flejjes jidħlu fil-kontijiet tal-konvenuti, kienu ser jibdew isiru l-pagamenti lill-attur. L-attur John Mifsud qal li minn dakinhar 'il quddiem, Michael Bridge u Pierre Debono bdew iġibu ħafna skużi, bir-riżultat li l-attur baqa' ma tħallasx la l-kapital li kien ħareġ u lanqas l-imgħaxijiet li qablu fuqhom il-partijiet. L-attur kompla jgħid però, li kull darba li tkellem ma' Pierre Debono dan kien jassigurah li ma kien hemm l-ebda problema b'dan l-investiment. L-attur għamel riferiment għal diversi *emails* li ntbagħtu lilu minn Pierre Debono fejn dan kien jassigurah li dan ma kienx każ ieħor fejn xi ħadd jaħrab bil-flus investiti minn terzi.[10] Minkejja dawn il-wegħdi kollha, jum fost l-oħrajn l-attur irċieva korrispondenza mingħand Pierre Debono fejn qallu li kien ser iċempillu Michael Bridge nnifsu minħabba li xtaq ikellmu u dan sabiex jittermina l-ftehim li kien ġie milħuq bejn il-partijiet, peress li Bridge kien wasal għall-konklużjoni li dan l-investiment ma kienx jgħodd għall-attur minħabba li hu persuna li toqgħod tinkwieta.[11] Il-konvenut Debono qallu wkoll

[9] *A fol.* 102 tal-proċess.

[10] *A fol.* 110 tal-proċess, il-kliem użat minn Michael Bridge f'dan ir-rigward kien *"Pierre told me your concerns and rest assure this is not another Malta case."*

[11] *A fol.* 117 tal-proċess. Fi kliem il-konvenut Debono *"... after weighing this contract Michael has instructed his lawyers to terminate this contract, as he is seeing that it is not the ideal business venture for you, as in this business there are delays in payment due to several different circumstances hence he sees a client with this worry in mind due to experience from past ventures he terminates them prematurely in order that the client has piece* (sic) *of mind on his funds, as Michael usually does not have access directly to the clients his lawyers do, but with you since I know you personally I gave you access directly to him so you are more comfortable but Michael is seeing that this is not a business you should endeavour any longer, so this is what is going to happen. You will receive the first interest this week of €30,000 then in 45 days after you will receive the €200k initial capital and the contract will be terminated."*

li kien ser isir arranġament sabiex l-attur jirċievi s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) dik il-ġimgħa stess, u sabiex il-kapital ta' mitejn elf Euro (€200,000) jitħallas lilu fi żmien ħamsa u erbgħin (45) ġurnata. L-attur qal li hu qatt ma ngħata xi indikazzjoni dwar dan fid-diskussjonijiet li kellu ma' Pierre Debono qabel sar l-investiment, u minkejja li dan wiegħdu diversi drabi li Michael Bridge kien ser jikkomunika miegħu bit-*telephone*, dan baqa' ma kkomunikax miegħu.[12] L-attur qal li fis-7 ta' Novembru, 2014 huwa rċieva *email* oħra[13] mingħand Michael Bridge li qallu li kien sar trasferiment u li l-fondi kienu ser jitħallsu lill-attur il-ġimgħa ta' wara. Ma' din l-*email* intbagħat dokument li jindika l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, u disa' mitt Euro (€24,900). Qal li wara dik id-data, huwa kien jirċievi korrispondenza fuq bażi regolari fir-rigward tad-dati meta kellhom isirulu l-pagamenti tal-kapital u tal-imgħax imwiegħed lilu, u hu baqa' jżomm relazzjoni tajba mal-konvenuti sabiex dawn jibqgħu jtuh informazzjoni dwar l-investiment tiegħu. L-attur qal li mill-kontenut tal-*emails* hu kien stabbilixxa li bejn Pierre Debono u Michael Bridge kien hemm familjarità kbira u Debono kien ikun jaf b'mod preċiż x'kien ikun ser jgħidlu Bridge, filwaqt li Bridge kien jaf b'mod preċiż x'kien ser jgħid l-attur u x'kienu l-preokkupazzjonijiet tiegħu, naturalment minħabba li kien ikun mgħarraf b'dan mill-konvenut Pierre Debono nnifsu. Madanakollu l-attur esprima d-dubji tiegħu dwar kemm Bridge kienx tassew jeżisti bħala persuna jew le. L-attur żied jgħid però li f'korrispondenza minnhom, Debono kien aċċertah li flusu kien ser jeħodhom lura. Qal li jum fost l-oħrajn hu fetaħ qalbu ma' Joseph Debono, missier il-konvenut, u kien qallu kemm kien ippreokkupat dwar l-investiment li kien għamel. In segwitu għal din id-diskursata, kien

[12] Fl-*email a fol.* 118 tal-proċess, Michael Bridge għal darb'oħra assigura lill-attur li flusu kien ser jirċevihom, "*Rest assured you will be in funds.*"
[13] *A fol*. 124 tal-proċess.

irċieva telefonata mingħand l-istess Joseph Debono li kien infurmah li fi ftit jiem hu kien ser jirċievi l-ammont ta' tliet mitt elf Euro (€300,000) rappreżentanti l-kapital investit minnu u l-imgħaxijiet miftiehma bejn il-partijiet. L-attur ta elenku tal-korrispondenza varja li għaddiet bejn il-partijiet, fosthom *emails* bejnu u Pierre Debono li min-naħa tiegħu baqa' jassigurah li kollox kien ser jiġi konkluż fi żmien qasir. L-attur qal li fit-3 ta' Ġunju, 2015 kien bagħat *email* lil Michael Bridge u lil Pierre Debono, fejn infurmahom li għad li l-ftehim li kellhom kien skada fit-22 ta' Mejju, 2015, minkejja kollox hu kien għadu ma rċieva l-ebda pagament.[14] Qal li fil-15 ta' Ġunju, 2015 huwa kien irċieva telefonata mingħand Pierre Debono li għal darb'oħra qallu li kien ser jirċievi flusu kollha, u l-flus kienu ġew imblukkati minħabba kwistjoni li nqalgħet ma' klijent li kellha tiġi riżolta f'qasir żmien. L-attur qal li fil-bidu ta' Lulju tal-istess sena, hu iltaqa' mal-konvenut b'kumbinazzjoni ġewwa stabbiliment f'San Ġwann, u għal darb'oħra qallu bil-preokkupazzjonijiet tiegħu, u għal darb'oħra dan kien assigurah li ma kellux għaliex jinkwieta. John Mifsud qal li lejn l-aħħar ta' Lulju 2015 hu kien kellem lill-Ispettur Jason Sultana u infurmah b'dak li kien ġralu. L-Ispettur kien qallu li min-naħa tiegħu kien kellem lil Michael Bridge u dan kien qallu li l-kwistjoni kienet ser tiġi riżolta fi ftit ġimgħat, għalkemm Michael Bridge ma tantx wera li kien dispost li jikkopera fil-bidu tal-korrispondenza tiegħu mal-Ispettur Sultana[15], tant li anki qajjem dubji dwar jekk l-Ispettur kienx vera jaħdem bħala investigatur mal-Pulizija.[16] L-Ispettur Sultana kien imbagħad ta parir lill-attur sabiex jagħmel

[14] *A fol.* 207 tal-proċess. F'din l-*email* l-attur esprima t-tħassib tiegħu b'dan il-mod: "*During these nine months you promised me several times that this will be settled soon, however to date nothing materialised. All this time you have given me a false sense of security, and quite frankly I feel that I have been taken for a ride all throughout. I trusted all my savings with you and because of this I am in big problems, but I am confident that in your position you can decide and give instructions to proceed with the settlement of my funds, hopefully before the end of next week.*"

[15] *A fol.* 215 tal-proċess.

[16] Fl-*email* mibgħuta minn Michael Bridge lill-Ispettur Sultana, dan qallu: "*let me say this to you, I strongly believe this is some type of ploy by you John and Pierre to try to spook me into getting John money and there is frankly no need to do so.*"

rapport formali u jqabbad avukat sabiex jassistih. L-attur qal li fit-23 ta' Diċembru, 2015 l-avukat tiegħu bagħat ittra lil Pierre Debono fejn talab il-ħlas lura tal-ammont ta' mitejn elf Euro (€200,000) li l-attur kien ħallas bħala kapital, iżda t-tweġiba ta' Debono għal dan kienet li hu personalment ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni. L-attur kompla jgħid li fis-26 ta' Jannar, 2016, huwa kien irċieva *email*[17] mingħand Michael Bridge li kien qallu jagħtih d-dettalji tal-avukat tiegħu sabiex ikun jista' jsir il-ħlas. F'din l-*email* Bridge kien qallu illi:

> *"I did not wish for all this to happen, because when Pierre and I got into business we did not mean to be in this position as we had our exit at that time but things did not go to plan and we ended up losing our deal and face."*

L-attur kompla jgħid li hu kien ta struzzjonijiet lill-avukat tiegħu sabiex ma jipproċedix bil-kwerela li kien ħejja, u dan minħabba li kien għadu għaddej iż-żmien li fih Bridge kien wiegħed li kellhom jitranġaw l-affarijiet.[18] L-attur qal li minkejja li kien hemm sensiela ta' *emails* oħra fejn Bridge jew Debono saħansitra wegħduh li kienu ser jikkorrispondu miegħu l-avukati tagħhom, dan baqa' qatt ma seħħ.[19]

L-attur ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li l-konvenut Debono qatt ma wera d-diżapprovazzjoni jew nuqqas ta' qbil tiegħu ma' xi ħaġa milli kien qal jew kiteb Michael Bridge. Qal ukoll li kien Debono li kien ħajru jinvesti flusu b'dak il-mod u li kien iffaċilita t-transazzjoni. Qal ukoll li kieku ma kienx għal dak li qallu Debono dwar l-operat tas-soċjetà konvenuta, hu ma kienx jitħajjar jagħmel l-investiment li għamel. Żied jgħid li fl-4 ta' April, 2016 l-avukat tiegħu kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dan il-każ. Żied jgħid li

[17] *A fol.* 283 tal-proċess.
[18] *A fol.* 278 tal-proċess.
[19] *A fol.* 287 *et seq.* tal-proċess.

sal-lum għadu ma rċieva xejn mill-flus li investa u mill-imgħaxijiet imwiegħda lilu.

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2017 xehed l-attur **John Mifsud**[20], li qal li hu ma fetaħ l-ebda kawża jew proċeduri barra minn Malta dwar dan il-każ. Qal ukoll li hu ma jafx jekk hemmx proċeduri barra minn Malta b'rabta ma' dan il-każ.

B'sentenza *in parte* mogħtija fl-10 ta' April, 2017[21], din il-Qorti kienet stabbiliet illi l-Qrati Maltin m'għandhomx jirrinunzjaw għall-ġurisdizzjoni tagħhom awtomatikament meta jiġu rinfaċċjati bi klawsoli dwar ġurisdizzjoni esklussiva ta' qrati jew tribunali barranin u trid tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-Qrati Maltin jispiċċaw jisimgħu *piecemeal litigation* meta jiġi stabbilit li wieħed mill-partijiet f'kawża ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti stabbiliet li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta Chimera Group Limited fir-rigward tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti kellha tiġi miċħuda, u ġie ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2017 xehed **Claudio Scerri**[22] mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, li qal li l-konvenut Pierre Debono la qatt kellu u lanqas għandu xi tip ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji. Ikkonferma wkoll li lanqas is-soċjetà Chimera Group ma kellha jew għandha tali liċenzja.

---

[20] *A fol.* 385 tal-proċess.
[21] Kopja a fol. 399 tal-proċess.
[22] *A fol.* 419 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2017 xehdet **Dr Claudette Fenech**[23] in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, li kkonfermat li hi stess kienet għamlet riċerki fejn irriżultalha li ma kien hemm l-ebda *record* dwar l-eżistenza ta' kumpannija bl-isem ta' Chimera Group Limited. Żiedet tgħid li hi ma kinitx il-persuna idonea biex twieġeb dwar il-liċenzjar o meno tal-konvenut Pierre Debono u tali verifika kellha ssir mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2018 xehed **l-Ispettur Jason Francis Sultana**[24], li qal li hu sar jaf lill-attur meta huwa kien rikoverat l-Isptar u l-attur kien jaħdem fid-Dipartiment tar-Radjoloġija tal-Isptar qabel ma dan irtira. Ix-xhud qal li wara xi żmien kien irċieva telefonata mingħand l-attur, li kien jinstema' aġitat u li qallu li xtaq ikellmu. Ix-xhud qal li l-attur kien mar ikellmu u wrih diversi dokumenti, u kien spjegalu li kien tħajjar jagħmel investiment wara li kien kellmu l-konvenut Pierre Debono u kien investa l-ammont ta' mitejn elf Euro (€200,000) bil-ħsieb li wara ftit żmien, madwar sentejn, huwa jieħu lura l-kapital, l-ammont sħiħ ta' mitejn elf Euro (€200,000) u l-imgħaxijiet li kellhom jitħallsu lilu fil-kont bankarju tiegħu kull xahar. Ix-xhud qal li skont id-dokumenti li wrih l-attur, jirriżulta li l-imgħaxijiet li l-attur kellu jirċievi fuq l-investiment tiegħu kienu jammontaw għal mitejn u erbgħin elf Euro (€240,000), oltre l-kapital investit.[25] L-attur kien informa lix-xhud li kien għadda żmien konsiderevoli u ma kien ħa xejn lura mill-flejjes li kien investa. Ix-xhud qal li f'punt minnhom l-attur kien ipprova jikkomunika mal-konvenut Pierre Debono, imma dan ma bediex iwieġbu. Ix-xhud qal li huwa kien bagħat

[23] *A fol.* 428 tal-proċess.
[24] *A fol.* 431 tal-proċess.
[25] *A fol.* 65 tal-proċess.

għall-konvenut Pierre Debono sabiex ikellmu, u dan min-naħa tiegħu ma ċaħadx li huwa kien ħajjar lill-attur jagħmel l-investiment inkwistjoni. Ix-xhud qal li meta hu talab lill-konvenut sabiex itih in-numru ta' Michael Bridge, dan kien qallu li ma kellux in-numru tiegħu, u Debono kien tah il-*mobile* tiegħu sabiex ikun jista' jiċċekkjah. Ix-xhud qal li waqt li kien qed jiċċekkja l-*mobile* ta' Debono, kien sab SMS bi kliem dispreġattiv fil-konfront tiegħu, u huwa kien ħa l-impressjoni li l-konvenut Debono kien qed jagħmel minn kollox sabiex l-attur ma jiħux flusu lura. Ix-xhud qal li kien hawnhekk li fil-fehma tiegħu li l-każ beda jikkomplika ruħu, u kien għalhekk li ta parir lill-attur sabiex jagħmel rapport mal-*Economic Crimes Unit* tal-Pulizija sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet min-naħa tagħhom. Ix-xhud qal li hu kien bagħat xi *emails* lil Bridge, u minkejja li dan kien iwieġeb u qatt ma ċaħad li l-investiment kien sar, madanakollu Bridge kien qed ikun diffiċli fl-atteġġjament tiegħu u ma kien jagħtih l-ebda tip ta' informazzjoni. Ix-xhud ippreċiża li meta hu bagħat għal Pierre Debono, dan attenda l-għassa tal-Pulizija b'mod volontarju, u għalhekk il-poteri tiegħu bħala Spettur kienu limitati fir-rigward ta' dak li seta' jagħmel. Fil-fehma tax-xhud l-attur kien daħal fi skema fejn spiċċa ttieħdulu flusu b'qerq. Ix-xhud spjega l-mod kif wasal għall-konklużjoni tiegħu:

> "Fil-messaġġi meta kien qalli li m'għandux *mobile* tas-Sur Bridge, kien qalli 'ħa fittex għall-affarijiet tiegħek, qalli mhux ħa ssib *number* għax m'għandix'. Bil-permess tiegħu jiena dħalt, fil-fatt kien bil-*password* u fetaħuli hu jekk mhux sejjer żball dejjem u kien hemm skambju ta' messaġġi bejn il-mara tiegħu u li stajt nifhem hu u jekk forsi din il-Qorti, kien hemm xi kliem dispreġjattiv fejn Pierre Debono kien qed jgħid lill-mara tiegħu .... "... m'hu ħa jsib xejn, aħna *safe*". Jien kif rajt dak il-*message* mill-ewwel intbaħt li mhux talli ma kienx jaf x'qed isir mill-flus, talli għall-bidu bdejt naħseb li dan Michael Bridge kien xi persuna vvintata minn Debono biex jiżvija l-awtoritajiet jew lil xi ħadd biex dak ... kont rajt anke xi dokumenti jekk mhux sejjer żball mingħand is-Sur Mifsud li kien speċi ta' kuntratt li ġie ffirmat minn Pierre Debono, jekk mhux sejjer żball kien hemm xi firem tiegħu u

> dawn il-firem jidher li kienu ġenwini għax meta kien ġie s-Sur Debono kien urieni l-id card u kont qabbilthom mal-firem ta' fuq il-kuntratt u nerġa' ngħid li kif rajt il-biċċa qed tikkumplika ruħha kont tajtu l-parir li jmur jagħmel rapport mal-*Economic Crimes*."

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018 xehdet **Johanna Bartolo** in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc[26], li kkonfermat li kien sar *swift transfer* mill-kont bankarju tal-attur fl-ammont ta' €53,150, u li biċ-*charges* li tħallsu l-ammont li ttieħed mill-kont bankarju tal-attur kien ta' €53,190.77. Żiedet tgħid li dawn il-flejjes ġew irċevuti fil-bank JP Morgan Chase. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li kien hemm tranżazzjoni oħra fl-ammont ta' €146,900 li nġibdu mill-kont bankarju tal-attur u li ġew ittrasferiti permezz ta' *swift transfer.* Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-*istatements* bankarji li jikkonfermaw dan.[27]

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018 xehed **Bjorn Pace**[28] in rappreżentanza tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, li qal li la Pierre Debono u lanqas Chimera Group Limited mhuma liċenzjati mill-Awtorità sabiex jagħtu pariri dwar investimenti.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018 xehed il-konvenut **Pierre Debono**[29], li kkonferma li hu jaf lill-attur minħabba li huwa ħabib ta' missieru. Qal li darba fost l-oħrajn l-attur kien qiegħed fil-garaxx ta' missieru, u semgħu jgħid li kien iħobb jinvesti, u dak il-ħin huwa kien qallu li kellu ħabib li kien qiegħed ifittex lil xi ħadd biex jinvesti miegħu. Il-konvenut qal li hu kien offra li jqabbad lill-attur ma' dan il-'ħabib' li hu identifikah bħala Michael Bridge. Il-konvenut qal li hu għadda l-*mobile* tiegħu lill-attur sabiex ikun jista' jkellem lil dan Bridge, li

[26] *A fol.* 444 tal-proċess.
[27] *A fol.* 448 tal-proċess.
[28] *A fol.* 459 tal-proċess.
[29] *A fol.* 465 tal-proċess.

x-xhud qal li hu Ingliż, u wara din il-konverżazzjoni l-attur kien infurmah li xtaq jinvesti miegħu. Il-konvenut qal li huwa kien qal lill-attur illi jekk Bridge jibgħatlu xi kuntratti, l-attur kellu jieħu ħsieb jeħodhom għand nutar u jagħmel kollox kif suppost. Il-konvenut qal li l-flus qatt m'għaddew għandu u li hu lanqas jaf il-flus fejn marru, għalkemm żied jgħid li jassumi li dawn il-flus marru għand Bridge. Il-konvenut ikkonferma li Bridge lilu ġieli kellmu dwar dan l-investiment, u għal xi żmien il-korrispondenza bejn il-partijiet bdiet tintbagħat permezz tiegħu. Il-konvenut qal li dan għalih ma kienx problema, u kull darba li kien jirċievi *email* kien jaqbad u jibgħatha lil Bridge. Il-konvenut qal li hu qatt ma ħa xi tip ta' *commission* minn din il-biċċa xogħol u lanqas xi tip ta' qligħ ieħor. Il-konvenut Pierre Debono qal ukoll li huwa ma jafx Michael Bridge x'sar minnu minħabba li dan m'għadux ikellmu.

Fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[30], li qal li meta huwa ltaqa' mal-konvenut Debono, hu ma kienx jaf dan x'jagħmel bħala xogħol jew negozju, għalkemm Debono kien qallu li n-negozju li kellu ma' Bridge kien fil-qasam tal-investimenti finanzjarji. L-attur qal li l-konvenut kien pinġa lilu nnifsu bħala persuna li huwa involut sew fit-tmexxija ta' dan in-negozju li kellu ma' dan it-terz, tant hu hekk li kien qallu li kultant żmien kien isiefer biex jieħu ħsieb dan in-negozju, u saħansitra kien offrielu li jekk jitħajjar jagħmel xi investiment, huwa kien ser jassigura li l-ħlasijiet isiru u kien ser jeħodlu ħsieb kollox hu personalment. L-attur ikkonferma li l-iffirmar tad-dokumenti neċessarji sar fid-dar ta' missier il-konvenut, u l-konvenut kien qallu li l-kumpannija inkwistjoni għandha numru ta' klijenti. L-attur qal li l-konvenut kien qallu li l-kumpannija li kien involut fiha kienet ser tiftaħ uffiċini

[30] *A fol.* 468A tal-proċess.

f'Malta, il-Ġermanja u Dubai u li hu personalment kien qiegħed jieħu ħsieb il-ftuħ tal-uffiċini f'Malta, ġewwa Ta' Xbiex. L-attur żied jgħid li xi żmien wara huwa kien staqsa lill-konvenut dwar il-ftuħ ta' dan l-uffiċċju, u għall-ewwel dan kien qallu li l-affarijiet kienu mexjin, imma sussegwentement kien qallu li kien ser ikollu jsib post ieħor minħabba li s-sid tal-post kien sab xi problema u l-pjanijiet għall-ftuħ ta' dan l-uffiċċju donnu kienu sfaxxaw. L-attur ikkonferma li huwa ma kien ħa l-ebda parir qabel iffirma l-kuntratt inkwistjoni. L-attur żied jgħid li l-konvenut kien rebaħ il-fiduċja tiegħu bil-mod kif beda jġib ruħu:

> "Qalli biex naqrah Pierre u jiena, però qabel ma bagħtuli, id-diskors u l-fatti kif beda jispjegali Pierre li hu mlaħħaq, ser ikun preżenti, tiela' u nieżel, rebaħ il-fiduċja totali tiegħi. Għidt jiena dan mal-kumpannija jekk ħa ninvesti ser jeħodli ħsieb l-affarijiet, għidt dan ser ikun persuna preżenti ..."

Mistoqsi jekk kienx jaf li l-konvenut Debono mhux *broker,* l-attur wieġeb li hu ma kienx jaf x'inhu xogħlu. L-attur qal li min-naħa tiegħu kien tkellem bit-*telephone* ma' Michael Bridge madwar erba' darbiet, u fl-ewwel konverżazzjoni li kellhom dan kien qallu li kien kuntent li l-attur kien għażel li jinvesti mas-soċjetà konvenuta. L-attur żied jgħid li huwa kien ingħata aċċertazzjoni li dan l-investiment ma kien fih l-ebda riskju. Madanakollu wara xi ġimgħat kien irċieva *email* mingħand Pierre Debono li kien qallu li l-ftehim bejn il-partijiet kien ser jiġi fi tmiemu minħabba li Michael Bridge kien tal-fehma li ladarba l-attur huwa bniedem li jinkwieta, dan it-tip ta' investiment mhux tajjeb għalih. L-attur qal li qabel ma investa huwa kien tkellem biss ma' Pierre Debono u dan kien jaf li huwa bniedem li jinkwieta, iżda min-naħa tiegħu l-konvenut kien assigurah li ladarba jinvesti mal-konvenuti, huwa ma kien ser iħares lejn l-ebda investiment ieħor. L-attur kkonferma li hu kien

għamel rapport mal-*Economic Crimes Unit* tal-Pulizija, għalkemm qal li ma jafx l-investigazzjoni f'liema stadju waslet.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Ottubru, 2018, il-konvenut Pierre Debono ppreżenta fotokopja tal-passaport ta' Michael Bridge[31], *KYC form* fir-rigward ta' Michael Bridge li l-konvenut kien ingħata mill-awditur ta' Bridge[32], dokumentazzjoni marbuta mal-formazzjoni tas-soċjetà estera Chimera Group Limited ġewwa l-British Virgin Islands[33], kif ukoll ittra li l-konvenut irċieva mingħand ċertu Steve Baldwin, fejn il-konvenut ġie mistoqsi dwar l-attivitajiet ta' Chimera Group Limited, u dwar jekk fl-opinjoni tiegħu l-attivitajiet tagħha kinux frawdolenti.[34]

Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenut **Pierre Debono**[35], li qal li huwa kien ilu jaf lil Michael Bridge madwar sena, wara li kien laqqgħu miegħu l-*accountant* tiegħu waqt żjara li l-konvenut kien għamel l-Ingilterra. Il-konvenut qal li wara dik il-laqgħa, Bridge kien iċempillu regolarment u kien jgħidlu li għandu negozju fil-qasam tal-investiment finanzjarju, imma ċaħad li hu kien involut fin-negozju li kien jagħmel Bridge. Il-konvenut xehed li meta hu tkellem mal-attur, kien qallu li hu kien jaf b'xi ħadd li kien qed jagħmel diversi investimenti, u kulma għamel min-naħa tiegħu kien li għamel telefonata biex l-attur seta' jitkellem ma' Bridge. Mitlub jispjega r-raġuni għalxiex kien kiteb '*if you have any queries let me know*' f'*email* li huwa kien bagħat lill-attur, il-konvenut wieġeb li hu kien kiteb dan minħabba li hu kien bagħat il-kuntratt fuq l-*email address* tiegħu, u kien hu li bagħat kollox

[31] *A fol.* 472 tal-proċess.
[32] *A fol.* 473 tal-proċess.
[33] *A fol.* 478 tal-proċess.
[34] *A fol.* 483 tal-proċess.
[35] *A fol.* 486 tal-proċess.

lill-attur. Qal li hu lill-attur kien qallu biex jieħu kollox għand avukat sabiex jiċċekkja kollox qabel jiffirma. Il-konvenut qal li x'aktarx li kien hu li ta d-dettalji tal-kontijiet fejn kellhom jiġu ttrasferiti l-flus mill-attur, u probabbilment hu kien jagħmel hekk minħabba li Michael Bridge lill-attur beda jgħaddilu kollox permezz tiegħu minflok jibgħat kollox direttament lill-attur. Mistoqsi dwar ir-raġuni għalfejn intervjena bejn il-partijiet ladarba ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan in-negozju, il-konvenut wieġeb li hu qatt ma ħass li kien qed jagħmel xi ħaġa ħażina b'daqshekk. Qal ukoll li hu qatt kien ma ta struzzjonijiet lil Bridge biex jibgħat kollox direttament lill-attur. Il-konvenut ikkonferma li hu kien jirrepeti mal-attur dak li kien jgħidlu Bridge. Qal ukoll li apparti l-attur, ma kienx hemm persuni oħra li hu kien ħajjarhom jidħlu għall-istess investiment. B'riferiment għal *email* fejn Michael Bridge kien irrefera għal '*your other clients',* il-konvenut qal li hu qatt ma ħass il-ħtieġa li jikkoreġi stqarrijiet bħal dawk, anki jekk ma kinux jirriflettu l-verità, minħabba li qatt ma ħass li kien hemm xi ħaġa ħażina b'daqshekk. Żied jgħid li Michael Bridge kien jagħtih ħafna informazzjoni sabiex jgħaddiha lill-attur, għalkemm Bridge waqqaf il-komunikazzjoni kollha mal-konvenut Pierre Debono meta dan kien għarrfu li kien bagħat għalih l-Ispettur Sultana. Il-konvenut ġie mistoqsi dwar *email* partikolari fejn hu kien semma' li kien ser jiftaħ uffiċċju, imma dan wieġeb li ma jiftakarx ir-raġuni għaliex kien tkellem b'dak il-mod mal-attur. Qal ukoll li meta tkellem mal-attur dwar il-klijenti tiegħu, hu kien qiegħed jirreferi għall-klijenti regolari tiegħu tan-negozju tal-installazzjoni tal-*cameras*, u mhux għal klijenti marbuta mal-investiment finanzjarju. B'riferiment għall-*email* fejn il-konvenut informa lill-attur li f'dan it-tip ta' negozju jista' jkun hemm dewmien fil-ħlasijiet, u konsegwentement dan in-negozju ma kienx jgħodd għal xi ħadd li jinkwieta bħall-attur, il-konvenut ġie mistoqsi jekk hu

kienx informa b'dan lill-attur qabel ħajru jidħol għal dan it-tip ta' investiment. Il-konvenut wieġeb li hu kien ċempel lil Michael Bridge u kien dan li spjega lill-attur dan l-investiment x'kien jinvolvi. Il-konvenut spjega li dik kienet ukoll ir-raġuni għaliex kien hu li spjega lill-attur li n-negozju miftiehem bejn il-partijiet kien qiegħed jiġi tterminat. Il-konvenut żied jgħid li hu qatt ma ħass li kien qiegħed jagħmel xi ħaġa li mhux suppost jagħmel meta naqas jgħid lill-attur li hu ma kellux x'jaqsam f'dan kollu, jew li l-komunikazzjonijiet kellhom isiru direttament bejniethom, mingħajr l-involviment tiegħu. B'riferiment għal *email* fejn Michael Bridge kien qal li hu u l-konvenut Pierre Debono jaħdmu mill-qrib bejniethom, il-konvenut qal li hu qatt ma ħass il-ħtieġa li jiċċara dwar dan għaliex kien ċar għal kulħadd li huwa ma kellux x'jaqsam man-negozju u l-flus ma kienx irċevihom hu. Lill-konvenut sarlu riferiment għal *email* oħra fejn Michael Bridge kien irrefera għall-fatt li hu u Debono kienu daħlu f'negozju flimkien, u qal li hu lanqas biss kien irrisponda għal dik l-*email* jew ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-affarijiet ma kinux kif kien qiegħed jgħidhom Bridge. Il-konvenut qal li Michael Bridge waqaf ikellmu wara li l-konvenut qallu li kien bagħat għalih l-Ispettur Sultana. Qal li wara li nfetħet din il-kawża hu qatt ma reġa' tkellem ma'  Bridge, u qal li lanqas m'għandu d-dettalji tiegħu biex ikun jista' jikkomunika miegħu. Il-konvenut qal li hu qatt ma qal lill-attur li hu m'għandux x'jaqsam ma' dan in-negozju, imma qabel l-attur iddeċieda li jagħmel l-investiment tiegħu, il-konvenut kien għadda l-*mobile* tiegħu lill-attur biex jitkellem ma' Michael Bridge, u għalhekk kien ċar li hu ma kienx involut. Imma għal xi raġuni kemm Michael Bridge kif ukoll l-attur kienu jinvolvuh fil-komunikazzjonijiet ta' bejniethom. Il-konvenut ċaħad li l-ftehim ġie ffirmat fid-dar tal-ġenituri tiegħu, u qal li l-iffirmar tal-ftehim sar fid-dar tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, liema xhieda xi drabi kienet konfliġġenti, u għarblet ukoll bir-reqqa d-diversi dokumenti ppreżentati mill-partijiet, partikolarment il-korrispondenza li għaddiet bejniethom. Il-Qorti tirrileva li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, bħal fil-każ odjern, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[36] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[37] Meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi x'aktarx li se jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti fix-xhieda mogħtija mill-partijiet. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs* Joseph Meilak**[38]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

[36] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.
[37] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace** (Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.
[38] P.A., 30.10.2003.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs* Fithome Ltd**[39] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[40]

F'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs* William Rizzo et**[41]:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus *probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony **Camilleri vs Maurice Cauchi et** – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-

[39] 06.05.2011.
[40] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[41] P.A., 28.04.2004.

probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Fl-aħħar nett fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs* Joseph u Charles Fino**[42] intqal:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet."

Kienu proprju dawn il-prinċipji li l-Qorti żammet quddiem għajnejha meta evalwat il-provi miġjuba quddiemha sabiex tiddeċiedi min mill-partijiet x'aktarx li kien qiegħed jgħid is-sewwa u min le. Hekk pereżempju semgħet lill-attur jixhed li l-konvenut Pierre Debono kien qallu li kien involva ruħu f'negozju dwar investiment finanzjarju li kien jirrendi imgħaxijiet kbar. Tant kienu kbar dawn l-imgħaxijiet li bdew jiġu ġġenerati, skont ma qal l-attur li qallu l-konvenut Debono, li kien hemm investituri li saħansitra kienu telqu n-negozju li kellhom qabel, għax id-dħul kien tant kbir li ddeċidew li ma kellhomx għalfejn ibatu aktar bix-xogħol. Il-Qorti semgħet lill-attur jgħid kif il-konvenut kien qallu li jekk jagħmel xi ħsieb u jinvesti flusu b'dan il-mod, hu kien ser jeħodlu ħsieb kollox hu, kif fil-fatt jidher li l-konvenut beda jagħmel hekk kif l-attur għamel ħsieb li jinvesti xejn anqas minn mitejn elf Euro (€200,000) permezz ta' dan in-negozju propost mill-konvenut Debono. Jidher li l-preżenza ta' missier il-konvenut Debono waqt din il-konverżazzjonijiet tal-

[42] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

bidu bejn l-attur u l-konvenut, kienet strumentali biex l-attur jipperswadi ruħu li l-konvenut kien ġenwin u li kien qiegħed jgħid il-verità, u jidher li dan il-konvinċiment tiegħu ssaħħaħ meta missier il-konvenut saħansitra qallu li ibnu kien induna li xi ħadd kien ipprova jiffroda l-kumpannija. L-attur spjega kif fid-dawl ta' dan kollu, u tenut kont li ma kien hemm xejn fl-imġiba tal-konvenut li lilu qanqallu xi suspett li dan seta' ma kienx qiegħed jgħid il-verità, għenu jikkonvinċi ruħu li kellu jinvesti flusu bil-mod propost mill-konvenut. L-attur żied jgħid li l-konvenut kien aċċertah li ma kien hemm l-ebda sogru involut f'dan in-negozju.

Il-Qorti rat id-dokumenti u l-korrispondenza esebiti, partikolarment il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-attur min-naħa l-waħda u s-soċjetà Chimera Group Limited min-naħa l-oħra, liema ftehim kien saħansitra jistabbilixxi kemm kellu jkun l-imgħax li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda toffri li tħallas fuq il-kapital investit, bl-imgħaxijiet proposti li kienu saħansitra jeċċedu l-kapital. Minn din il-korrispondenza joħroġ ċar li l-konvenut Pierre Debono kien involut f'dan in-negozju sa mill-bidu nett li l-attur iddeċieda li jinvesti flusu fih, tant hu hekk kien hu li rċieva d-*draft agreement* mingħand is-soċjetà konvenuta u wara għaddieh lill-attur sabiex dan jiffirmah wara li jkun qrah, u kien il-konvenut Debono li fl-istadji inizjali ta' din ir-relazzjoni kien informa lill-attur li l-ammont ta' flus li oriġinarjament kien hemm il-ħsieb li jiġu investiti, ma kinux ġew irċevuti mis-soċjetà estera konvenuta. Kien il-konvenut Pierre Debono wkoll li b'dak li qal beda jħajjar lill-attur jiġbed flusu minn fejn kienu investiti ma' bank ta' reputazzjoni, sabiex jinvestihom fl-investiment suġġerit minn Debono, u dan wara li assigurah li ma kien hemm xejn ta' sogru f'dan it-tip ta' investiment, u li hu personalment kien ser jassigura li l-ħlasijiet dovuti lill-attur

jitħallsu lilu, tant illi saħansitra kien tah dokument bid-dati meta kellhom jitħallsu l-imgħaxijiet lill-attur.

Mill-provi li rat u semgħet il-Qorti jirriżulta ampjament li Pierre Debono kien involut sew f'kull aspett tal-investiment issuġġerit minnu lill-attur, u kien jaf bid-dettalji kollha marbuta ma' dan l-investiment. Anki l-korrispondenza mibgħuta minn Michael Bridge tindika li Debono kien involut ferm aktar milli dan tal-aħħar ipprova jagħti x'jifhem waqt ix-xhieda tiegħu, fejn donnu ried jagħti l-impressjoni li hu kien jaġixxi ta' sempliċi 'pustier' li permezz tiegħu jitwasslu l-*emails* li l-partijiet riedu jibagħtu lil xulxin. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar li għal Michael Bridge, li kien qiegħed jaġixxi għas-soċjetà konvenuta, Pierre Debono kien qisu imsieħeb miegħu fin-negozju, tant li dejjem tkellem dwaru bħala xi ħadd li hu parti fit-tim tiegħu, *"when Pierre and I got into business".* Tenut kont tal-involviment, il-ħin, u l-interess li l-konvenut Pierre Debono wera sabiex jassigura li l-flus li l-attur xtaq jinvesti finalment jaslu fid-destinazzjoni aħħarija tagħhom, f'kont bankarju li d-dettalji tiegħu kien hu li pprovdihom lill-attur, l-asserzjoni tal-konvenut li għal dan ix-xogħol kollu hu ma tħallas l-ebda *commission,* l-ebda qligħ u lanqas biss jaf min kien id-destinatarju aħħari tal-flejjes investiti mill-attur, diffiċilment titwemmen. Għall-Qorti huwa ċar li l-konvenut Pierre Debono kien involut sew mill-bidu ta' din ir-relazzjoni kummerċjali, sa meta kien huwa stess li informa lill-attur li Michael Bridge kien tal-fehma li l-ftehim bejn il-partijiet kellu jiġi tterminat peress li investiment ta' din ix-xorta ma kienx idoneju għal xi ħadd li jinkwieta bħall-attur. Anki wara din il-korrispondenza maħsuba biex tittermina r-relazzjoni bejn il-partijiet, jidher ċar li Pierre Debono baqa' involut u baqa' jnissel tamiet fiergħa fl-attur li xi darba għad jerġa' jieħu flusu u l-imgħaxijiet esaġerati mwiegħda lilu skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet.

Li l-flejjes inkwistjoni nġibdu mill-kontijiet bankarji tal-attur u ġew ittrasferiti, huwa fatt li mhux ikkontestat, anzi dan ġie kkonfermat mir-rappreżentanta ta' Bank of Valletta plc li xehdet f'dawn il-proċeduri. Mill-provi jirriżulta wkoll li la s-soċjetà konvenuta Chimera Group Limited u lanqas il-konvenut Pierre Debono ma kellhom il-liċenzja meħtieġ sabiex joperaw f'Malta fil-qasam tal-investiment finanzjarju. Kien minn ewl id-dinja li hekk kif l-attur involva Spettur tal-Pulizija li beda jagħmel l-indaġni tiegħu dwar x'kien ġara mill-flejjes investiti mill-attur, Michael Bridge u Pierre Debono waqqfu l-komunikazzjoni bejniethom, tant li Pierre Debono qal lill-Ispettur Sultana li hu lanqas mezz kif jikkomunika ma' Michael Bridge ma kien baqgħalu u dan kien waqaf jikkomunika miegħu hekk kif sar jaf li l-każ kien qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija. Il-Qorti semgħet lill-Ispettur Sultana jixhed dwar x'kien irriżultalu meta għamel tfittix fil-*mobile* tal-konvenut, u dwar il-kummenti reġistrati fl-istess *mobile* dwar il-fatt li l-Pulizija ma setgħu jsibulu xejn, u dwar is-suspetti tiegħu li l-attur kien safa mqarraq u ingannat meta ġiet proposta lilu l-imssemmi investiment.

Il-Qorti evalwat ukoll id-diversi skambji ta' *emails* li għaddew bejn il-partijiet, partikolarment dawk l-*emails* li fihom l-attur qal lill-konvenuti li l-flus li huwa kien investa kienu frott snin ta' ħidma, u li l-kwistjoni mertu ta' din il-kawża affettwatu ħażin soċjalment, personalment, f'saħħtu u fir-relazzjonijiet familjari li kellu.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur ma kienx investitur ta' esperjenza, kif ipprova jpinġih il-konvenut Debono meta dan qal li fid-diskursata oriġinali li kellhom l-attur kien qallu li kien iħobb jinvesti, u li kien għalhekk li hu kien laqqgħu ma' Michael Bridge. Għall-kuntrarju jirriżulta li l-attur kien bniedem li

fl-aħħar tal-ħajja lavorattiva tiegħu kellu xi ħaġa tal-flus taħt rasu frott snin ta' għaqal u ħidma, u emmen li jekk jinvesti b'dan il-mod kien ser ikun ferm aħjar milli jħalli l-flus investiti l-bank. Minkejja d-dubji li l-avukat difensur tal-konvenut ipprova jixħet fuq l-attur, partikolarment meta waqt il-kontroeżami staqsieh jekk kienx jaf li l-konvenut Debono ma kienx *broker* jew jekk kienx ħa parir mingħand xi professjonist qabel iddeċieda li jinvesti flusu b'dak il-mod, il-Qorti tinsab moralment konvinta li kieku ma kinux għar-rappreżentazzjonijiet foloz u raġġiri tal-konvenut Pierre Debono, li sab appoġġ sħiħ fit-twettiq tal-pjan tiegħu minn Michael Bridge tramite s-soċjetà konvenuta Chimera Group Limited, l-attur ma kienx ser jisfa ingannat u deprivat minn flusu li kien ħa ħsieb ifaddal matul ħajtu.

Il-Qorti kkonsidrat li l-livell ta' ingann adoperat kemm mill-konvenut Pierre Debono kif ukoll minn Michael Bridge u s-soċjetà Chimera Group Limited kien tali li ħalla impressjoni fuq persuna bħall-attur, li meta muri stampa, anki jekk irriżulta li din kienet fittizja, ta' imgħaxijiet fenomenali u flejjes li seta' jaqla' bl-investiment sostanzjali li ntalab jagħmel, ipprefera li jafda flusu f'idejn xi ħadd li ppreżenta ruħu bħala espert fil-qasam tal-investimenti finanzjarji, milli jħalli flusu l-bank, fejn hu notorju kif fi snin riċenti r-rati tal-imgħax tbaxxew mhux ftit. Dan kollu seħħ hekk kif l-attur kien ser jirtira mix-xogħol tiegħu, fi żmien meta spiss jiġri li persuni li jkunu ħadmu u beżgħu għal dak li qalgħu, ikunu jixtiequ jimmassimizzaw l-introjtu tagħhom minn dan it-tifdil sabiex jikkumplimentaw il-pensjoni tagħhom. Kien proprju f'dan il-mument vulnerabbli li kien għaddej minnu l-attur meta ġiet proposta lilu din l-iskema qarrieqa mill-konvenut Pierre Debono, li l-konvenuti rnexxielhom iwettqu b'raġġiri u manuvri li jeċċedu bil-bosta dak li hu aċċettabbli fid-dinja tan-negozju.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li m'għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Pierre Debono li hu mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u dan fid-dawl tad-dispożizzjoni tal-artikolu 1049 tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi illi:

> "(1). Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija *in solidum*."

Is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistabbilixxi wkoll illi min ikun aġixxa dolożament iwieġeb ukoll għall-ħsara kkaġunata minn min ikun mexa bl-istess ħsieb doluż tiegħu. F'dan il-każ il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li ż-żewġ konvenuti mxew dolożament fir-rigward tal-attur, u għalhekk għandu jiġi applikat il-prinċipju *culpa lata quae dolo aequiparatur.*

Hekk stabbilit li l-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli b'mod solidali għad-danni sofferti mill-attur, jifdal li l-Qorti tillikwida tali danni. Il-pretensjoni tal-atturi f'dan ir-rigward hija għall-ħlas lilhom tal-kapital investit flimkien mal-imgħaxijiet imwiegħda lill-attur skont il-ftehim bejn il-partijiet, sabiex b'hekk it-total pretiż mill-atturi hu fl-ammont ta' erba' mija u erbgħin elf Euro (€440,000), rappreżentanti mitejn elf Euro (€200,000) bħala kapital, u mitejn u erbgħin elf Euro (€240,000) bħala imgħaxijiet.[43]

[43] Il-ftehim bejn il-partijiet kien jispeċifika illi, *"The Lender, shall receive a first disbursement, in the form of an initial interest payment, after six weeks from date of receipt, authentication and verification of the Loan Amount, in an amount equal to thirty thousand no/100 euros (€30,000), minus the requisite management costs and process offsets. Approximately four weeks following such initial payment, the Lender shall receive seven additional interest payment in the amount of thirty thousand and no/100 euros (€30,000). In accordance with the disbursement schedule set forth directly below. Accordingly, the Loan transaction shall be completed in thirty four weeks."*

Għar-raġunijiet suesposti l-Qorti tqis li l-aġir tal-konvenuti fil-konfront tal-attur kien wieħed doluż u malizzjuż *ab initio,* sa minn meta il-partijiet bdew il-komunikazzjonijiet ta' bejniethom rigward l-investiment finanzjarju tal-attur fl-iskema tas-soċjetà konvenuta. Tqis ukoll li l-ftehim tal-25 ta' Awwissu, 2014 kien wieħed fażull, b'dubji serji dwar kemm fil-verità kienu tabilħaqq jeżistu Chimera Group Limited u Michael Bridge, liema ftehim kellu biss l-iskop li jiġi mqarraq l-attur sabiex dan jiġi ddeprivat minn flusu. Tqis ukoll li ma kienet qatt l-intenzjoni tas-soċjetà konvenuta li tonora it-termini ta' dak li suppost kien ġie mifthiem mal-attur. L-imsemmi ftehim kien biss parti minn xenarju fittizzju u qarrieqi li Pierre Debono u Michael Bridge ħolqu sabiex l-attur joħroġ il-flus mill-but għall-investiment fl-iskema fittizzja tas-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti tqis għalhekk li l-azzjoni attriċi hija essenzjalment waħda għad-danni għal ħsara *ex delicto*, fejn il-*quantum* tad-danni li għandhom jiġu likwidati a favur tal-atturi għandu jkun tali li jirreintegra lill-atturi fl-istess pożizzjoni li kien ikunu fiha li kieku l-attur ma ġiex ddeprivat minn flusu minħabba l-ingann tal-konvenuti. Tqis għalhekk li l-konvenuti, apparti li għandhom iħallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000) ekwivalenti għas-somma oriġinarjament maħruġa mill-attur, għandhom iħallsu wkoll lill-atturi s-somma ta' erba' u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Euro (€24,255) bħala imgħax, ekwivalenti għall-imgħax li kien jaqla' l-attur kieku żamm flusu l-bank f'*fixed term deposit*.[44]

[44] Imgħax kompost bir-rata ta' 2.5% għall-perijodu ta' 55 xahar.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' mitejn u erba' u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Euro (€224,255) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jħallsu *in solidum* bejniethom id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.